**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 19/IX/2026**

**Il-Ġimgħa, 10 t'April, 2026 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**19.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**19.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

19.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

**19.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

19.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 18 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

19.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

19.3.3 Il-minuti ġew approvati.

**19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.4.1 Is-Sindku qal li l-latrini ta' Pjazza Indipendenza, kemm tan-nisa u kemm ta' l-irġiel, tlestew u nfetħu. Ser jintalab lid-Direttorat Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex isir railing tal-*istainless steel* mat-taraġ tal-latrina ta' l-irġiel.

19.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li s-Sindku ta' Las Palmas fi Spanja ser iżżur r-Rabat biex tiltaqa mall-Fondazzjoni Victoria 2031, bejn is-17 u d-19 ta' Mejju, 2026. Din il-Belt għaddiet għat tieni fażi tal-kontestazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Diġa' kellu laqgħa *online* mas-Sindku Spanjola u meta jkollu iktar dettalji ta' din iż-żjara, ser jagħti d-dettalji lill-membri tal-Kunsill.

19.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li mill-iskema LESA, il-Kunsill ser jibbenefika minn €80,000 sabiex jitranġa l-ispazju pubbliku ta' Qasam San Ġorġ. Diġa' nħarġet l-offerta ta' dan ix-xogħol.

19.4.4 Rigward l-offerta (VLC/01/2026) għar-restawr ta' statwi antiki, is-Sindku qal li dalwaqt jinbeda x-xogħol.

19.4.5 Rigward il-proġett ta' tibdil ta'fanali fiċ-ċentru tar-Rabat, il-membri ġew mgħarrfa li l-kuntrattur waħħal il-fanali li kien baqa' u ntbagħat ir-rapport lid-Develeopment Planning Fund fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) sabiex jiġi approvat il-pagament pendenti.

**19.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-

19.5.1 l-iskemi li ħarġu għal din is-sena. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal dawn l-iskemi:

i) SPI/SCI/01/2026 – Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026. Il-membri qablu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni biex tiġi organizzata attività f'Awwissu 2026;

ii) SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026. Il-membri qablu li tiġi organizzata *Clean-up Day* bil-parteċipazzjoni tal-Victoria Scout Group;

iii) SPI/SCI/03/2026 - Finanzjament – Attivitajiet Milied 2026. Il-membri qablu li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni;

iv) SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-membri qablu li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni;

v) SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità. Il-membri qablu li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni;

vi) SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament – Karnival 2027. Il-membri qablu li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni wkoll u tkun simili għal attività li saret din is-sena peress li ntlaqgħet tajjeb ħafna.

19.5.2 Espressjoni ta' Interess Minn Pjazza għal Pjazza 2026. Il-Kunsill mela l-applikazzjoni;

19.5.3 *Sidewalk Library* fil-lokalitajiet. Il-Kunsill wera l-interess;

19.5.4 informazzjoni dwar servizz ta' trasport fil-komunita'. Il-Kunsill wera l-interess tiegħu;

19.5.5 il-proġett Creative Europe – Culture Stand;

l-Assoċjazzjoni għall-Kunislli Lokali:-

19.5.6 Cir AKL 2026/020 – GovTech4ALL – Malta Local Councils AI Pilot. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-Kunisll m'għaddietx;

19.5.7 Cir AKL 2026/021 – aġġornament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni;

19.5.8 Cir AKL 2026/027 – rigward il-proġett PROSPECT ;

19.5.9 l-Environment and Resources Authority (ERA) rigward l-istatistika dwar il-kontravenzjonijiet li l-ERA ħarġet fl-2025. Ta' min jinnota li fir-Rabat saru biss 44 spezzjoni u ma nħarġet ebda' kontravenzjoni;

19.5.10 l-PA rigward PA1844/25, appell 34/26. Dan l-appell ġie miċħud mill-Awtorità;

19.5.11 resident li lmenta rigward l-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristorant Roża fi Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill irrefera dan l-ilment lill-Awtorità tal-Artijiet;

19.5.12 il-Kummisarju għat-Tfal rigward TFULIJA Quality Label;

19.5.13 Pastoral Formation Institute rigward taħriġ ta' litteriżmu fl-intelliġenza artifiċjali;

19.5.14 l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li twaqqaf kumitat ġdid;

19.5.15 il-Gozo Action Group Foundation (GAGF), rigward it-tnehdija ta' miżura 2, Youth Entrepreneurship in Gozo – Taking Ideas to the Marketplace;

19.5.16 Connect Care Ltd. rigward servizzi ta' *telecare*;

19.5.17 il-Malta Wheelchair Basketball Association rigward MWBA Outreach, proġett li jippromwovi l-inklużjoni u għarfien dwar id-diżabilità fl-isport. Il-membri qablu li ssir laqgħa mal-MWBA biex tiġi diskussa kollaborazzjoni;

19.5.18 ALIVE Charity Foundation fejn ingħataw dettalji rigward charity bike run;

19.5.19 Gympro Gymnastics fejn talbu sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati mill-Kunsill;

19.5.20 residenta li lmentat li s-*safety flooring* ta' taħt il-*playing field equipment* li hemm fil-*playing field* il-kbira ta' Triq taħt Putirjal hu perikoluż. Billi l-playing field daqt tinqala sabiex titranġa minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, il-membri qablu li jingħata ċans sas-sajf. Dan peress li s-*safety flooring* bis-sħana jerġa' jitwessa u jieħu l-qagħda oriġinali.

**19.6 Immaniġġjar tat-Traffiku**

19.6.1 Tressqet korrispondenza mingħand Transport Malta (TM) fejn ma ħarġitx il-permess għall-parkeġġ riservat għal Kap tal-iskola. Ta'min jinnota li din l-iskola diġà għandha l-*area* ta' quddiem l-iskola riservata għall-*un/laoding* għal waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti.

19.6.2 Tressqet direttiva ta' TM rigward tqegħid ta' post jew kiosks għall-bejjiegħa tal-fjuri f'attivitajiet speċjali bhal Jum l-Omm jew San Valentinu.

19.6.3 Il-membri qablu li jintalab il-permess ta'TM biex issir *traffic mirror* fi Triq Wied il-Lunzjata. Din biex tkun aktar ta' għajnuna lill-bdiewa li jaħdmu l-egħlieqi f'din il-parti tat-triq.

19.6.4 Ser jinbeda x-xogħol minn naħa tal-Gvern Ċentrali fir-rigward ta' aktar installazzjoni ta' *charging pillars*. Dawn ser isiru fit-toroq Għajn Qatet, Manwel Dimech, it-Tabib Anton Tabone, Ninu Cremona u Gorg Borg Olivier. Il-Kunsill kien ukoll qabel u aċċetta li ssir *charging pillar* fi Pjazza President J F Kennedy, pero' il-Kunsill ġie mgħarraf li din ser tiġi trasferita għal Triq Fortunato Mizzi. Billi dan hu sit li l-Kunsill ma kienx qabel fuqu ma qabilx li ssir fi Triq Fortunato Mizzi minflok fi Pjazza J F Kennedy. Għaldaqstant il-kuntrattur li ġie nkarigat minn dan il-proġett qabel li din ma ssirx.

19.6.5 Is-Supretendent tal-Pulizija ssuġġerixxa li jkun hemm il-parkeġġ aktar organiżżat fi Triq Agius De Soldanis u jsiru s-sinjali sofor fejn hemm il-bżonn. Dan peress li qed ikun hemm it-triq imblukkata bil-vetturi pparkjati. Il-membri qablu li jintalab il-parir ta' TM.

19.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand residenta rigward il-parti d-dejqa ta' Triq Għajn Qatet kwazi kantuniera ma' Triq l-Arċisqof Pietru Pace. Intalab il-parir ta' TM liema Awtorità għarrfet lill-Kunsill li meta pruvat li ssir bankina, kien hemm ir-residenti li lmentaw. Il-membri qablu li l-Kunsill jissuġġerixxi lill-TM sabiex iżżid il-bollards l-oranġjo, tal-plastik.

19.6.7 il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ser jinstalla *bike racks* ġodda fil-pjazez San Franġisk, Santu Wistin, Savina, J. F. Kennedy, fil-bus Terminus, fi Triq Fortunato Mizzi, u f'taċ-Ċawla H.E. Il-membri qablu ma' dawn is-siti. Ma qablux mas-sit propost fi Pjazza Indipendenza peress li hu eżatt quddiem il-Banca Giuratale.

Il-membri qablu li jintalab lill-TM sabiex:-

19.6.8 fil-*pedestrian crossing* ta' Triq Papa Ġanni Pawlu II jsiru t-*traffic lights*;

19.6.9 il-*crash barrier* li hemm fil-bidu ta' Triq l-Arċisqof Pietru Pace tiġi mħarka ftit ċentimetri l-barra peress li qed tħokk mal-bini privat;

19.6.10 ma jibqgħux jgħaddu *coaches* għalxejn minn salib it-toroq 'l fuq. Dan minħabba ż-żieda ta' turisti li jkun hawn matul il-ġurnata u fl-*area* ta' Pjazza Indipendenza qed ikun hemm il-periklu bl-ammont ta' turisti jaqsmu t-triq biex jitilgħu jew jinżlu miċ-Ċittadella;

19.6.11 jiżdiedu t-tabelli li jindikaw fejn huma l-*pedestrian crossings* fl-*area* ta' Pjazza Indipendenza.

**19.7 Belt Kapital Ewropea għall-Kultura**

19.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ARC Research & Consultancy talbet il-kwotazzjonijiet sabiex jiġi stampat il-materjal tal-istrateġija speċifika għar-Rabat. Dan l-istampar ser isir minn Gutenberg Press għall-prezz ta' €500 VAT eskluża.

19.7.2 Tressqet korrispondenza tal-Viċi Sindku rigward il-*bid book* li ġie preżentat quddiem il-membri tal-ġurija tal-ECOC2031. Irrimarka li l-Fondazzjoni Belt Victoria, propjetarja tal-mużew 'Il-Ħaġar', nqabżet kompletament. Din il-Fondazzjoni tagħmel avvenimenti ta' stoffa u hi *next-in-line* wara l-Astra u l-Aurora. Is-Sindku qal li fil-Fondazzjoni Victoria 2031 hemm Dr. Maria Frendo li tirrapreżenta wkoll il-Fondazzjoni Belt Victoria. Tenna li mhux fir-remit tiegħu li jgħid lid-Direttur Artistiku lill min għandu jinvolvi. Tenna li kellu diversi battibekki miegħu sabiex ir-Rabat jingħata dak li verament jistħoqqlu peress li kien qed jinnota li r-Rabat ma kienx qed ikun rappreżentat kemm suppost fil-*bid book*. Issuġġerixxa lill-Viċi Sindku sabiex din il-korrispondenza jibgħatha lill-Victoria 2031 Foundation u jindirizza lid-Direttur Artistiku. Il-Viċi Sindku ser jagħmel hekk.

19.7.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Victoria 2031 Foundation għad ma rċevietx il-fondi mill-Gvern Ċentrali. Dan biex tkun tista' tmexxi x-xogħol tal-*bid* u finalment xħin it-titlu jkun uffiċjali. Qed isiru laqgħat kemm mal-Ministeru tal-Finanzi...u kemm mal-Ministeru għal Kultura... Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar qed jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex dawn il-fondi jiġu allokati kemm jista' jkun f'qasir żmien. Hu stmat li l-Fondazzjoni trid mal-1.2

miljun fis-sena u bejn 30/40 ħaddiem biex tkun tista' tmexxi. Bħalissa qed isir ix-xogħol fuq it-tieni parti tal-*bid*.

**19.8 Jum il-Belt Victoria**

19.8.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li s-Surmast George Apap jieħu ħsieb il-mużika tas-serata. Sadanittant is-Sindku għamel l-intervent tiegħu.

19.8.2 Is-Sindku qal li qed jipproponi lil Mro. Colin Attard u Mro. John Galea, li huma s-surmastrijiet diretturi tal-baned Ċittadini, jingħataw l-Onorifiċenza Ġieħ il-Belt Victoria. Il-membri qablu. Is-Sindku tenna li laħaq tkellem magħhom u propona li la ser jingħataw dan il-ġieħ ikun tajjeb jekk il-mużika tas-serata jieħdu ħsiebha huma. Il-membri qablu.

19.8.3 Fl-okkażjoni ta' Jum il-Belt Victoria, il-membri qablu li jerġgħu jiġu organizzati RockAstra fid-9 ta' Mejju, 2026 u Leone Goes Pop fit-23 ta' Mejju, 2026. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' tlett elef ewro għal kull attività.

**19.9 Delegazzjoni - Jerez de la Frontiera**

19.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ispanjoli ser jiġu bejn id-19 u t-23 ta' Mejju, 2026.

19.9.2 Is-Sindku għarraf lil-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni ta' Reġjun Għawdex – Finanzjament ta' Skema Gastronomija – Għawdex 2026. Din ġiet amalgamatha maż-żjara li l-grupp minn Jerez de La Frontera ser jagħmlu f'Mejju 2026.

**19.10 *Playing Field***

19.10.1 Is-Sindku qal li qed ikollu laqgħa kull xahar fl-uffiċċju tas-Segretarju Permananti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward il-proġett tal-*playing field*. Baqa xi emendi minn naħa tal-Perit peress li kien għad mhux ċar minn fejn ser jitħallas. Is-Sindku qal li rnexxielu li l-Perit jitħallas ukoll mill-Ministeru la x-xogħol ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru kollu kemm hu.

**19.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

19.11.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Marzu u April 2026, skont dokument A u B annessi.

**19.12 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

19.12.1 tiġi organizzata attivita' bl-isem *Agri Meets Culture*, bil-kollaborazzjoni tal-iskola St. Francis fil-21 ta' Mejju, 2026, fil-Villa Rundle. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €500 għal din l-attività;

19.12.2 tiġi organizzata Springfest fi Pjazza San Ġorġ nhar il-Ħadd 19 t'April, 2026 bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €300 għal din l-attivita';

19.12.3 l-Aurora International Folk Festival jiġi trasferit għas-27 u t-28 ta' Ġunju, 2026;

19.12.4 l-George Vella Muskat Memorial – a football tournament jiġi organizzat fis-16 ta'Mejju 2026 u ma tinqabiżx is-somma ta' €350. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja, s-Sinkdu ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress;

19.12.5 jintalab il-*method statement* lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa li ser imexxi t-tnaqqis tal-ħamiem. Dan sabiex jiġi kkunsidrat jekk il-Kunsill jisseħibx u jagħmel dan ix-xogħol.

19.12.6 Il-membri ġew mgħarrfa li sar rapport ieħor lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minħabba l-problema tas-sedd tad-drenaġġ fi Triq is-Suq. Il-ħaddiema jmorru fuq il-post dritt u l-problema tissolva temporanjament. Il-problema maġġuri qed tinħoloq fil-bidu ta' Triq is-Suq fejn kien hemm Roma Shopping Complex.

19.12.7 Resident issuġġerixxa li l-grawnd li jinsab fil-housing estate taċ-Ċawla, ssirlu xibka fuq. Dan is-suġġeriment ser jitgħadda lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

**19.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 13 ta' Mejju, 2026.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |